# L-AĦĦAR LEJLA

—Għalxejn ?

—Għalxejn !

Żewġ ilħna mitfija u mregħda bil-kemm kienu jinstegħmu f'dik il-lejla siekta u mudlama ; bil-kemm kienu jidhru żewġ igsma mixħuta fuq blata, f'telqa ta' swied il-qalb.

—Jien ma rridx inlum lilek, imma lili n-nifsi, lill-bluhiti, lill-ġenni. Għax jien kien imissni ninduna li dik li għalija kienet imħabba safja, imħabba bla tmiem, għalik kienet daqxejn ta' kapriċċ li jgħaddi f'leħħa ta' berqa, daqxejn ta' duħħan li l-ewwel riħ li jagħmel itajjar quddiemu, daqsxejn ta' sħaba li tisfa fix-xejn ; għalik kienet dik li intom li triduha tal-*bon-ton* tgħidulha *flirt* . Lê, lê, mhux billi xxengel rasek, mhux billi tgħid lê b'rasek...Billi tiċħad ma' tieħu xejn, l-anqas m'inti sejra ttaffili xi ftit mill-qtiegħ il-qalb li għandi fuqi... Xbajt ? xbajt ! u saħħa ! ... Għidli hekk u spiċċa ... Għalfejn ħafna temtim, għalfejn ħafna tlaqlieq, biex tissokta ttawwal l-agunija ta' qalbi, biex tissokta tisqini sa l-aħħar qatra mrar li qatt ġarrbet qalb ta' bniedem ?... Diġa' għidtulek, jien lilek ma nlumekx, inlum lili n-nifsi, lill-bluhiti, lill-ġenni. Għax kien imissni nagħraf li jien u int ma stajniex naqblu bejnietna, kien imissni ninduna li int kont mitfugħa wisq għal frugħa biex tkun tista tkun il-mara tal-ħsieb tiegħi, il-mara tal-ħolm tiegħi... Imma l-bniedem mita jkun irid ħaġa, mita jkun jixtieq ħaġa b'qalbu kollha, ifittex li jqarraq bih in-nifsu, ifittex li jdaħħal it-tama f'kollox... u hekk għamilt jiena !... Jiena ħsibt, ridt naħseb, li mita inti tarani li jien fi ħsiebi m'għandix ħlief lilek, titbiddel xi ftit, issir xi ftit bħali... Jien ħsibt...

—Imma x'għamiltlek jiena ? !

—X'għamiltli ?... x'għamiltli ? !... xejn kbir, imma ħafna ħwejjeġ żgħar li lkoll flimkien jagħmlu ħafna, ħafna ħwejjeġ

żgħar li għalik m'huma xejn u li għalija— li naf inħobb—humà ħafna. Issa sfin, issa "The Dansant", issa ħaġa, issa oħra...

—Imma s-società...

—U ħallini mis-società... x'qatt tatek, x'qatt taħseb, li sejra ttik is-società ħlief dwejjaq u mrar? Għall-anqas dan li tât lili... tassew li jien u int-ma tantx nakblu, li dak li jien nara abjad, int tarah iswed... Oh! kieku int sirt ftit kif kont nixtieqek jiena, x'ħajja, x'ħajja, konna ngħaddu flimkien!

Bħal nifs qawwi, bħal ilfieqa, instama fis-skiet tal-lejla mudlama qalb it-tħaxwix tal-mewġ għajjien jitniegħed qalb il-blat għeri. Il-kwiekeb li kienu jitregħdu fis-sema, bħal ħafna għajnejn xewqana li jitkixxfu kull ma kien q'ed isir f'artna, kienu jidhru mijiet, eluf, fuq il-mewġ tal-baħar, bħal ħafna msiebaħ il-lejl mitlufa fl-imħabba. Fil-bogħod, ta' kull tant kien jinstama jidwi l-ħoss ta' xi ħorn u bħal sriep tad-dawl kienu jidhru jaqsmu d-dalma tal-lejla.

—X'għamiltli?... Ħaġa żgħira. Mewwittli qalbi, mewwittli ruħi. Jien li kont għadni kemm bdejt induq il-ħlewwa tal-ħajja u bdejt nara quddiemi kollox sabiħ, kollox mimli hena, illum inħossni xiħ, inħossni ħaġa mejta mitlufa qalb il-mewġ tal-ħajja. Kieku taf, kieku taf, Ivonne, kif kont dawwartek b'imħabbti, kif kont għollejtek fuq artal ta' qima, kieku taf, kieku taf, kif kont imlejtli qalbi, kif kont irbaħtli ruħi, kieku żgur li qatt ma' kont tagħmel l-anqas ħaġa li setgħet tkunli ta' qsim il-qalb, li setgħet tifridna għal dejjem

—Għal dejjem?

—Iva, għal dejjem!... Ma jistax ikun li jien nibqa' nġarrab dan kollu. Inti għandek is-società, għandek il-ħbiebek...Malajr tinsa!... Jien ma' kellix ħlief lilek, ma' ridtx ħlief lilek, imma ridtek kollok kemm int, sa l-anqas ħsieb tiegħek, sa l-iċken rokna ta' qalbek. Jien qalbi, jien ħsiebi, kienu dejjem fik. Kieku taf, Ivonne, kemm kont ħlomtha sabiħa l-ħajja tagħna, kemm kont rajtha mimlija ward!...X'ħerba ġibt, Ivonne, b'għamilek, fil-ħolm tiegħi... Jien q'ed tgħaġġibni, Ivonne, bil-kalma, bil-bruda tiegħek. L-anqas issa li wasalna biex ninfirdu, m'inti tħoss xi ħaġa?

L-ebda tweġiba ma' nstegħmet fis-sikta tal-lejla mudlama. Il-bogħod, il-bogħod, biċċa qamar mitfi bdiet tixref mix-xefaq sewdieni; il-fuq, il-kwiekeb bdew jidhru jirtgħodu, donnhom bi qsim il-qalb; il-mewġ għajjien beda jitla' jħaxwex qalb il-blat għeri u jerġa' lura.

—Ivonne, jien sejjer!

—Iva?!

—Nixtieqlek li ssib bniedem li jkun jixtieq jagħmlek ħienja daqs kemm xtaqt nagħmlek jiena... Saħħa!

—Saħħa!

Ġużè Bonnici